# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, l-Erbgħa, 29 ta' Marzu, 2023

**Kawża Nru. 5**

**Rik. Nru. 2/2023 ISB**

**Eric Brimmer (160444M)**

**vs**

**Reġistratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** ta' **Eric Brimmer**, intavolat fit-13 ta' Jannar 2023, li permezz tiegħu huwa talab lil-Qorti sabiex:-

> *"... tordna li l-isem tal-kumpannija Compex Co. Limited (C-10548) jerga' jiddahhal fir-Registru tal-Kumpanniji ai termini tal-artikolu 325 (4) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta b'dana illi l-kumpannija titqies illi kompliet bl-esistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar, u dan sabiex u sakemm l-istess kumpannija tkun tista' tiddisponi mill-proprjeta' "Greta", Triq Schembri, Hamrun, kif ahjar deskritta fil-kuntratt ta' akkwist tas-27 ta' April 1990 fl-atti tan-Nutar Dottor Patrick Critien, u dana taht dawk id-direzzjonijiet u provvedimenti li jidhrilha xierqa."*

U dan wara li ppermetta:

i. *Illi fit-30 ta' Lulju 2019, is-socjeta' Compex Co. Limited (C-10548) giet imhassra mir-Registru tal-Kumpanniji wara li ghaddiet procedura ta' xjoljiment u stralc volontarju.*

ii. *Illi l-esponent kien il-likwidatur mahtur ghall-finijiet ta' l-imsemmi xjoljiment u stralc volontarju.*

iii. *Illi fil-kors ta' dan ix-xjoljiment u stralc, thalliet barra mill-assi tal-imsemmija socjeta', il-proprjeta' bl-isem "Greta", Triq Schembri, Hamrun.*

iv. *Illi l-esponent ghandu kull interess li l-isem tal-kumpannija Compex Co. Limited jigi mqieghed mill-gdid fuq ir-Registru tal-Kumpanniji sabiex l-isemmija proprjeta' tkun tista' tigi mibjugha.*

v. *Illi fil-fatt, l-imsemmija proprjeta' tinsab suggett ta' konvenju datat 21 ta' Ottubru 2022, liema konvenju jaghlaq fit-30 ta' Gunju 2023.*

Rat **id-dokumenti** ppreżentati mar-rikors (fol 4 sa fol 19).

Rat **id-digriet** tagħha tad-19 ta' Jannar 2023 minn fejn jirrizulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tat-22 ta' Frar 2023 fil-11:30 a.m., u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Reġistratur tal-Kumpanniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fl-24 ta' Jannar 2023 (ara tergo ta` fol 23).

Rat illi fit-13 ta' Frar 2023, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ppreżenta **ir-risposta** tiegħu (fol 26) b'dokument hemm anness, li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi in kwantu għall-merti fattwali ta' din il-kawża l-intimata Reġistratur tirrimetti ruħha għall-provi u għall-ġudizzju abbli ta' din l-Onorabbli Qorti;*

*Illi wara illi r-Reġistratur irċieviet d-dokumentazzjoni mibgħuta lilha għax-xoljiment u għall-kanċellament tal-kumpanija Compex Co. Limited (C 10548), wara li kkonfermat illi huma konformi mal-liġi, hija mxiet sabiex tirreġistrahom skont l-Artikolu 401 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi għalhekk wara li rreġistrat id-dokumentazzjoni mibgħuta mill-istralċjarju, l-esponenti pproċediet sabiex fit-30 ta' April 2019, tippubblika l-avviż illi l-kanċellament tal-kumpanija kellu jiġi fis-seħħ f'għeluq it-tliet xhur mid-data tal-publikazzjoni tal-avviż imsemmi;*

*Illi ta' min jinnota, illi l-imsemmija soċjeta' ġiet imħassra wara li ġiet xolta volontarjament fit-31 ta' Diċembru 2016 u kkanċellata minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fuq proċedura mibdija mill-kumpanija stess;*

*Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrenti qiegħdin jisħqu illi sussegwentament għall-kanċellament tal-kumpanija Compex Co. Limited, irriżulta illi għad hemm assi li għadhom reġistrati f'isem il-kumpanija, senjatament il-proprjeta' bl-isem "Greta", Triq Schembri, Ħamrun, iżda illi ma ttieħditx in konsiderazzjoni u għalhekk ma ġietx meqjusa fil-proċedura tax-xoljiment u l-kanċellament tal-istess kumpanija;*

*Illi għaldaqstant fil-proċeduri odjerni r-rikorrenti qiegħdin jitolbu sabiex dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-isem tal-kumpanija Compex Co. Limited jerġa jiddaħħal fir-Reġistru ai termini tal-artikolu 325(4) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta. Iżda, ta' min wieħed jiġbed l-attenzjoni illi dan ma jistax isir abbażi ta' dana l-artikolu minħabba l-fatt illi hekk kif ingħad iżed qabel, il-kumpanija ġiet xjolta b'mod volontarju u mhux mir-Reġistratur, abbażi tal-artikolu 325 tal-Att;*

*Illi għalhekk, fl-umli opinjoni tal-esponenti, l-artikolu korrett li kellu jiġi invokat fil-każ de quo kien proprju l-artikolu 300A tal-Att illi jipprovdi rimedju fejn l-istralċ jerġa jinfetaħ mill-ġdid u konsegwentement tkun tista' tiġi rettifikata l-iskema ta' distribuzzjoni tal-kumpanija billi jittieħed in konsiderazzjoni din il-proprjeta' li tħalliet barra fil-proċess ta' stralċ volontarju tal-kumpanija Compex Co. Limited;*

*Illi tajjeb li wieħed jinnota illi minkejja tali pubblikazzjoni, ħadd ma għamel xi tip ta' oġġezzjoni għat-tħassir tal-isem tas-soċjeta' in kwistjoni matul it-tliet xhur fuq imsemmija, iżda tali oġġezzjoni qegħda ssir issatlett snin u nofs wara li l-isem tal-kumpanija tħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi l-Artikolu 300A jipprovdi illi meta fil-kors tal-istralċ ta' kumpanija, l-istralċjarju ma jkunx ġie ikkalkola xi assi tal-kumpanija u l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-reġistru kull persuna illi fil-fehma tal-Qorti għandha interess, tista' permezz ta' rikors titlob il-Qorti sabiex tordna r-rettifika tal-iskema ta' distrbuzzjoni taħt dawk id-direttivi u kundizzjonijiet illi jidrilha li huma xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi tal-każ illi jkollha quddiemha;*

*Illi f'każ ta' stralċ volontarju, bħal ma kien dak tal-kumpanija Compex Co. Limited, l-obbligi u responsabbilitajiet legali tal-istralċjarju huma iktar onerużi. Għaldaqstant, l-istralċjarju irid jassigura ruħu illi l-affarijiet ġew verament iffinalizzati u li jiddetermina illi d-drittijiet u kundizzjonijiet miftehmin tal-kumpanija jkunu verament għaddew, qabel ma jgħaddi għas-sottomissjoni tad-dokumentazzjoni finali;*

*Illi l-esponenti, bla preġudizzju għas-suespost, tħoss illi kemm il-darba dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti dan r-rimedju eċċezzjonali, għandhom jiġu stabbiliti b'mod ċar l-iskop u l-perjodu kif ukoll jingħataw dawk id-direttivi u kundizzjonijiet kollha li hemm bżonn f' dan il-każ sabiex l-affarijiet ma jitwalux bla bżonn;*

> *Illi l-intimata Reġistratur m'għandiex tinżamm responsabbli għall-ebda spejjeż ġudizzjarji konnessi ma' dan il-każ.*

Rat illi fl-udjenza tat-22 ta' Frar 2023, deher l-Avukat Alessandro Lia għar-rikorrent u dehret l-Avukat Dr Claudette Fenech għar-Reġistratur intimat.

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-22 ta' Frar 2023, xehdu in-Nutar **Joseph Tabone**, **Caroline Mifsud** li ppreżentat dokument Dok CM1 u **Dr Claudette Fenech** li ppreżentat dokument Dok CF1, lkoll prodotti mir-rikorrent.

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-22 ta' Frar 2023, bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għall-llum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrent ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, u li permezz tagħha, ir-rikorrent jghid illi b'effett mit-30 ta' Lulju 2019, l-isem tas-soċjeta **Compex Co. Limited (C-10548)** kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji wara l-kumpanija għaddiet proċedura ta' xoljiment u stalċ voluntarju. Jispjega li hu kien il-likwidatur maħtur għall-finijiet ta' l-imsemmi xoljiment u stralċ voluntarju.

Jgħid illi fil-kors tax-xoljiment u stralċ tħalliet barra propjeta\` immobbli tas-soċjeta bl-isem "Greta", Triq Schembri, Ħamrun. Jispjega li għandu kull interess li l-isem tal-kumpanija Compex Co. Limited jiġi mqiegħed mill-ġdid fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji sabiex l-istess propjeta\` tkun tista' tiġi mibjugħa u fil-fatt hija suġġett ta' konvenju datat 21 ta' Ottubru 2022, liema konvenju jagħlaq fit-30 ta' Ġunju 2023.

Huwa allura għalhekk illi r-rikorrent ressaq dawn il-proċeduri sabiex is-soċjeta\` Compex Co. Limited (C-10548) terga' titqiegħed fuq ir-Reġistru bil-għan illi l-istess kumpanija tkun tista\` tiddisponi mill-imsemmija propjeta\`.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi l-intimat Reġistratur jsostni illi tali kanċellament tal-isem tal-Kumpanija Compex Co. Limited minn fuq ir-Reġistru sar wara li ġiet xjolta voluntarjament fil-31 ta' Diċembru 2016 u kkanċellata fuq proċedura mibdija mill-kumpanija stess, u konsegwentament mhux ai termini tal-Artikolu 325 tal-Kap 386.

Jispjega għalhekk li din il-proċedura kellha ssir taħt l-artikolu 300A tal-Kap 386 illi jipprovdi rimedju fejn l-istralċ jerġa\` jinfetaħ mill-ġdid u konsegwentament tkun tista' tiġi rettifikata l-iskema ta' distribuzzjoni tal-kumpanija billi jittieħed in konsiderazzjoni din il-propjeta\` li tħalliet barra fil-proċess ta' stralċ volontarju.

Il-posizzjoni tal-intimat Reġistratur tista' titqies waħda pjuttost newtrali iżda ferma. Huwa altru milli korrett ir-Reġistratur jgħid u jsostni illi meta jkun hemm stralċ, għandu

jitħares u jiġi assikurat minn min hu interessat, illi jkun aċċertat illi l-assi u d-djun kollha jkunu inklużi fil-process ta' stralċ u li dan għandu jsir qabel ma jiġu ppreżentati d-dokumentazzjoni finali għal kanċellament.

Illi dan jevita ċertament lok għal abbuz. Huwa f'dan il-kuntest illi r-Reġistratur tal-Kumpanniji jinsisti illi jekk din il-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, allura dan isir fuq parametri u termini ċari sabiex jiġi evitat kwalsiasi element ta' abbuż jew preġudizzju għal terzi persuni, anke in vista tal-fatt illi dan huwa rimedju eċċezzjonali.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Mill-provi jirriżultaw is-segwenti **fatti**:

Mar-rikors promotur ir-rikorrent preżenta *screenshot* meħud mis-sit elettroniku tal-MBR fir-rigward ta' Compex Co. Ltd. Il-Qorti ħadet konjizzjoni ta' dan id-dokument u tosserva li l-*istatus* tal-kumpanija *de quo* huwa *Struck Off* bid-data effettiva tat-30 ta' Lulju 2019.

Ġie ppreżentat ukoll konvenju tal-21 t'Ottubru 2022, li l-Qorti ħadet konjizzjoni tiegħu. Il-Qorti tosserva li l-konvenju jirrigwarda xiri u bejgħ bejn il-vendituri, Oscar u Josephine Grech, u x-xerrejja, Mario u Filomena Camilleri, fir-rigward tal-ħanut bla numru bl-isem 'Greta', Triq Schembri, il-Ħamrun. Il-Qorti tosserva wkoll li l-konvenju huwa validu sat-30 ta' Ġunju 2023.

Ġiet ippreżentata wkoll Form L li permezz tagħha r-rikorrent Eric Brimmer kien maħtur likwidatur tas-soċjeta' *de quo*, kif ukoll il-Memorandum u l-*Articles of Association* tal-istess kumpanija, liema dokumenti l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

Fix-xhieda tiegħu n-**Nutar Joseph Tabone** jgħid illi l-konvenju a fol 5 tal-proċess huwa konvenju bejn il-konjuġi Grech u konjuġi Camilleri dwar il-propjeta` bl-isem 'Greta', Triq Schembri, il-Ħamrun. Jispjega li għamel riċerki tal-konjuġi Grech u din il-propjeta` ma rriżultatx. Jgħid li rriżulta li l-propjeta` għadha tappartjeni lil Compex Co Ltd. Jgħid li l-konvenju validu sat-30 ta' Ġunju 2023. Jgħid li hemm bżonn li l-kumpanija tiġi rixxuxitata sabiex il-konjuġi Grech ma jidhrux fuq l-att tal-bejgħ f'isimhom iżda f'isem il-kumpanija.

Fix-xhieda tagħha **Caroline Mifsud in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi** tgħid li l-konvenju a fol 5 tal-proċess ġie reġistrat fil-31 ta' Ottubru 2022 u huwa validu sat-30 ta' Ġunju 2023 u tħallas l-ammont ta' elfejn u mitejn Ewro (€2,200) bħala taxxa tal-boll. Ix-xhud ippreżentat Dok CM1 li jikkonsisti fi *screenshot* tas-sistema elettronika bid-dettalji tal-konvenju u kopja tal-konvenju.

Fix-xhieda tagħha **Claudette Fenech in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Kumpaniji** tikkonferma li l-kumpanija kienet xjolta b'mod voluntarju u isimha huwa *struck-off* mir-reġistru. Ix-xhud ippreżentat kopja tal-fajl li jappartjeni għal kumpanija *de quo*. Il-Qorti ħadet konjizzjoni tiegħu u tosserva li fit-30 t'April 2019, ir-rikorrent ippreżenta d-dokumenti kollha rikjesti u sussegwentament ir-Reġistratur ta l-avviż ai termini tal-Artikolu 401 tal-Kap 386 biex sussegwentament il-kumpanija ġiet mħassra mir-Reġistru.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

L-intimat Reġistratur fir-risposta tiegħu ssottometta li din il-proċedura kellha ssir taħt l-artikolu 300A tal-Kap 386 u mhux taħt l-artikolu 325(4) tal-istess att. Din il-Qorti għalhekk teħtieġ li qabel xejn teżamina l-għan tal-artikolu ċitati u kif japplikaw jew japplikawx għall-proċeduri odjerni.

Fiċ-ċirkostanzi, l-Qorti hija tal-fehma li għandha tmur oltre` minn dan u tikkunsidra wkoll l-artikolu 300B tal-Kap 386.

L-**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta** jgħid testwalment hekk**:**

> *Jekk membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Iżda dan l-artikolu ma jistax jinqara f'*vacum*, imma jeħtieġ jinqara u jiġi applikat fil-kuntest ta' dak li ġie krejat u għalhekk jrid jittieħed dejjem fil-kuntest tal-**artikoli 325(1) (2) u (3)** li jgħidu testwalment hekk:

> ***325.*** *(1) Meta r-Reġistratur ikollu raġuni biżżejjed biex jaħseb li kumpanija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, dan jista' jibgħat lill-kumpanija ittra bil-posta fejn jistaqsi jekk il-kumpanija tkunx qed tmexxi negozju jew tkunx qed topera*
>
> *(2) Jekk ir-Reġistratur jirċievi tweġiba fis-sens li l-kumpanija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, jew jekk ma jirċevix tweġiba fi żmien xahar minn meta jkun bagħat l-ittra,dan jista' jibgħat lill-kumpanija bil-posta u jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta li, f'egħluq tliet xhur mid-data tal-aħħar pubblikazzjoni tal-imsemmi avviż, l-isem tal-kumpanija għandu, kemm-il*

*darba qabel ma tintwerix raġuni biex isir kuntrarju jew jekk ir-Reġistratur ikun sodisfatt li hemm raġunijiet biżżejjed biex ma jipproċedix bit-tħassir, jitħassar minn fuq ir-reġistru, u l-attiv tal-kumpanija jgħaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta.*

*(3) Jekk, f'xi każ fejn kumpanija tkun qed tiġi stralċjata volontarjament, ir-Reġistratur ikollu raġuni biżżejjed biex jaħsebjew li ebda stralċjarju ma jkun qed jaġixxi jew li l-affarijiet tal-kumpanija jkunu stralċjati għal kollox, u li l-prospetti li humameħtieġa li jsiru mill-istralċjarju skont l-artikolu 322 ikunu tardb'sitt xhur jew iktar, ir-Reġistratur jista' jippubblika fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġkuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalmentf'Malta, avviż li f'egħluq tliet xhur mill-aħħar pubblikazzjoni tal-imsemmi avviż, l-istralċ tal-kumpanija għandu, kemm-il darba qabel ma tintweriex raġuni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun ġiemitmum u konsegwentament li l-isem tal-kumpanija jitħassar minnfuq ir-reġistru. Ir-Reġistratur għandu jieħu ħsieb jibgħat bil-postakopja tal-imsemmi avviż lill-kumpanija u lill-istralċjarju, jekk ikun hemm. Malli jagħlaq l-imsemmi żmien ta' tliet xhur l-istralċ tal-kumpanija għandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raġuni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun ġie mitmum u r-Reġistratur għandu jħassar l-isem tal-kumpanija minn fuq ir-reġistru u l-attiv tal-kumpanija jgħaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta."*

B'hekk l-artikolu 325(4) jikkontempla sitwazzjoni fejn ir-Reġistratur tal-Kumpaniji jkun hu minn jeddu neħħa l-isem tal-Kumpanija minn fuq ir-Reġistru għax tkun, fil-fehma tiegħu, seħħet waħda mis-sitwazzjonijiet kontemplati mill-istess artikolu. Ta' min jinnota li f'dawn il-każijiet l-*istatus* tal-kumpanija jkun jimmarka bħala *struck off as defunct*. F'dan il-każ il-persuna interressata li l-kumpanija terġa' titqiegħed fir-Reġistru trid tagħti ġustifikazzjoni dwar għaliex dan għandu jsir u ċioe` li jew il-kumpanija ser tiġi in regola mal-Kap 386[1] jew li hemm drittijiet ta' terzi li l-unika mod li jistgħu jiġu enforzati hu billi l-kumpanija terġa titqiegħed fir-reġistru.[2]

Mill-banda l-oħra l-**artikolu 300A** jgħid testwalment hekk:

***300A*** *(1) Meta fil-kors tal-istralċ ta' kumpanija l-istralċjarju ma jkunx ikkalkola xi assi tal-kumpanija, u l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-reġistru, kull persuna interessata tista'b'rikors, titlob lill-Qorti biex tordna r-rettifika tal-iskema ta'distribuzzjoni, u l-Qorti tista', meta jidhrilha xieraq, tordna dik ir-rettifika taħt dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa.*

*(2) Meta kumpanija tkun għamlet distribuzzjoni lill-azzjonisti tagħha skont skema ta' distribuzzjoni u l-isem ta' dik il-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-reġstru, kull kreditur li l-pretensjoni tiegħu kontra l-kumpanija ma tkunx ġiet sodisfatta jista', b'rikors,jagħmel talba għal dak li hu dovut lilu mingħand l-azzjonisti tal-kumpanija pro rata għall-ammont li jkun riċevut mill-azzjonisti mad-distribuzzjoni, u l-Qorti tista', meta tikkunsidra hekk xieraq,tordna li jsiru ħlasijiet mill-azzjonisti lil dak il-kreditur taħt dawkil-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa:Iżda f'ebda każ ma għandu azzjonist ikun meħtieġ*

[1] Ara **Maurice Vassallo Eminyan v Reġistratur tal-Kumpaniji et** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar 2021

[2] Ara Nazzareno Muliet vs Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji deċiża minn din il-Qorti fil-28 ta' Settembru 2022

*lijikkontribwixxi għal ammont li jkun iżjed minn dak riċevut minnumad-distribuzzjoni.*

*(3) Ma jista' jsir ebda rikors taħt dan l-artikolu wara li jgħadduħames snin mid-data li fiha l-isem tal-kumpanija jkun tħassar mir-reġistru.*

B'hekk l-Artikolu 300A jikkontempla sitwazzjoni fejn l-istralċjarju ma jkunx ikkalkola xi assi tal-kumpanija u għalhekk l-iskema ta' distribuzzjoni tkun saret b'mod skorrett. Isegwi għalhekk, li f'dan il-każ il-kumpanija tkun ġiet xjolta, u r-Reġistratur tal-Kumpaniji ma jkunx minn jeddu għażel li jneħħi l-isem tal-kumpanija minn fuq ir-Reġistru iżda ikun għamel dan wara li tkun saret il-pubblikazzjoni stipulata fl-artikolu 401 tal-Kap 386.

Ta' min jinnota, li l-artikolu 300A mhuwiex wieħed li jintuża frekwentament u fil-fatt fl-aħħar snin, ġie applikat ftit li xejn mill-Qrati nostrani. Biss ir-rimedju taħt l-artikolu 300A mhuwiex wieħed fejn il-kumpanija neċessarjament terġa` tiġi ri-integrata[3], iżda intiż biex tiġi korretta l-iskema ta' distribuzzjoni. Madanakollu, m'hemm xejn li jimpedixxi lill-Qorti milli tordna l-irxuxtar ta' kumpanija taħt dak l-artikolu u jeżistu saħansitra ċirkostanzi li jimmeritaw propju dan u f'dan ir-rigward il-Qorti tirreferi b'mod partikolari għad-deċiżjoni tagħha (diversament preseduta) fil-kawża fl-ismijiet **Edwin Zammit vs X** deċiża fid-29 ta' Ottubru 2020, fejn il-Qorti ġiet affaċċjata b'sitwazzjoni fejn propjeta` immobbli ma kinitx ġiet ittrasferita fuq l-azzjonist qabel ma tħassar l-isem tal-kumpanija mir-Reġistru u l-Qorti f'dan il-każ qalet is-segwenti:

*"Il-qorti tistqarr illi ma tarax ghaliex fl-iskema ta` distribuzzjoni ma kellux jinghad kjarament li l-fond (li ghaliex huwa asset inghata valur bhala investment property) kien qieghed jigi assenjat lir-rikorrent.*

*Punt iehor importanti huwa li anke li kieku fil-kaz tal-lum l-fond kien jirrizulta kjarament fl-iskema ta` distribuzzjoni dak il-fatt wahdu ma kienx ser jittraduci ruhu f`registrazzjoni awtomatika tal-fond fuq ir-rikorrent fir-Registru Pubbliku ghar-raguni li skont il-ligijiet vigenti kull trasferiment ta` mmobbli sabiex ikun registrat irid isir permezz ta` att pubbliku.*

*Dan ifisser illi abbazi tal-istat tad-dritt kif inhuwa llum, fejn si tratta ta` trasferiment ta` mmobbli lill-azzjonisti, wara li tkun approvata l-iskema ta` distribuzzjoni, u qabel l-istralcarju jghaddi l-inkartament lir-Registratur sabiex fl-ahhar tal-process ta` verifika jsir it-thassir tal-isem, ikun irid isir att pubbliku mill-istralcjarju favur l-azzjonista li favur tieghu jkun se jsir it-trasferiment li mbaghad jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

*Jekk dan ma jsirx, allura l-immobbli jibqa` mhux registrat u jkollha ssir kawza bhal dik odjerna sabiex tinghata sentenza, anke tenut kont li li dak li jghid l-Art. 239 tal-Kap. 12."*

Konsegwentament, il-Qorti f'dan il-każ ordnat li isem il-kumpanija jerġa' jitqiegħed fir-Reġistru sabiex issir ir-rettifika tal-iskema ta' distibuzzjoni u kif ukoll sabiex isir it-trasferiment tal-propjeta` favur l-azzjonist in kwistjoni.

---

[3] Ara **Corinne Xuereb et vs Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji et** deċiża minn din il-Qorti (diversament preseduta) fis-16 ta' Diċembru 2019, kif ukoll **Mario Borg et vs Ir-Reġistratur tal-Kumpannija et** deċiża minn din il-Qorti (diversament preseduta) fid-29 ta' Settembru 2020.

Imbagħad fl-aħħar l-**artikolu 300B tal-Kap 386** jgħid testwalment hekk:

> *(1) Meta kumpanija tkun tħassret minn fuq ir-reġistru, kull persuna interessata tista' b'rikors, titlob lill-Qorti biex tordna hi li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ.*
>
> *(2) Meta, fuq rikors magħmul taħt is-subartikolu (1), il-Qorti tkun sodisfatta li l-istralċ u t-tħassir tal-kumpanija jkun vizzjat bi frodi jew b'illegalità ta' natura materjali, il-Qorti tista' tordna li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ għal dawk ir-raġunijiet u għal dak iż-żmien li l-Qorti tispeċifika fid-deċiżjoni tagħha, u l-Qorti għandha tagħti dawk id-direttivi u timponi dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xieraq.*
>
> *(3) Il-Qorti għandha tilqa' t-talba biss jekk tkun sodisfatta li dak ikun l-uniku rimedju li jkun hemm.*
>
> (4) Fid-deċiżjoni tagħha l-Qorti għandha wkoll tiddeċiedi jekkl-ordnijiet u d-direttivi tagħha jkunux effettivi favur il-persunikollha jew jekk għandhomx japplikaw limitatament għal persunispeċifiki indikati fid-deċiżjoni.
>
> (5) Ma jista' jsir ebda rikors taħt dan l-artikolu wara li jgħadduħames snin mid-data li fiha l-isem tal-kumpanija jkun tħassar mir-reġistru.

L-Artikolu 300B, mill-banda l-oħra jikkontempla xenarju fejn il-kumpanija li ġiet xjolta, u għal darb'oħra r-Reġistru tal-Kumpaniji ma jkunx minn jeddu għażel li jneħħi l-isem tal-kumpanija minn fuq ir-Reġistru, u minħabba li l-istralċ u t-tħassir tal-kumpanija jkun vizzjt bi frodi jew b'illegalita ta' natura materjali, tista' ssir talba sabiex il-Qorti tordna li l-isem jiġi restitwit fuq ir-reġistru u jerġa jinfetaħ l-istralċ mill-ġdid.

Fil-Principles of Maltese Company Law (MUP – 2007 – pag 43) **Profs Andrew Muscat** hekk jgħid is-segwenti dwar l-Artikolu 300B:

> *"The amending Act introduced another novel provision dealing with the situation where the winding up and striking off of a company has been vitiated by fraud or illegality of a material nature. A typical example would be where the liquidator deliberately fails to take into account a pending claim against the company.*
>
> *The new article (article 300B of the Companies Act) empowers the court, upon an application filed by any interested person to order that the name of the company be restored to the register and the winding up be reopened for such purposes and such period as the court specifies in its decision. The court is also entitled to give such directives and impose such conditions as it may consider appropriate. No application may be filed after the expiration of five years from the date on which the name of the company has been struck off the register. Prior to the introduction of article 300B, the Maltese courts had in a number of cases tackled situations where a claim against a company was not taken into account*

*by the liquidator who proceeded to finalise the winding up and have the company`s name struck off the register. In these cases the courts applied a remedy involving the effective revival of the company.*

*It should be remarked that the courts have been willing to provide such a remedy even where the omission by the liquidator to take into account a pending claim against the company was purely inadvertent. Article 300B however empowers the court to grant a remedy where it is satisfied that "the winding up and striking off of the company has been vitiated by fraud or illegality of material nature". Would an inadvertent omission constitute "illegality". A wide interpretation ought to afforded to the term "illegality". A liquidator who, whether negligently or faudulently, fails to take into account a pending claim will, it is submitted, have acted unlawfully. After all, in terms of general principles of law, a person who does not use the prudence, diligence and attention of a bonus paterfamilias and causes damage as a result is deemed to have acted unlawfully. Moreover a liquidator is clearly bound by law to take into account all pending claims against the company and if he fails to do so through negligence, imprudence or want of attention he should also be deemed to have acted unlawfully."*

Isegwi għalhekk li dan it-tlett provvedimenti tal-ligi, għalkemm il-*punto di partenza* tagħhom huwa dejjem kumpanija li isimha ġie mħassar mir-Reġistru tal-kumpannniji, jikkontemplaw sitwazzjonijiet ferm distinti u li l-effett aħħari tagħhom fil-maġġor parti huwa differenti. Fil-fatt kumpanija li tiġi rixxuxxitata taħt l-artikolu 325(4) terġa` ssib ruħha fir-Reġistru daqs li kieku qatt ma isimha ġie mħassar, u dan b'kuntrast mal-artikolu 300A fejn kumpanija tista` lanqas biss tiġi rixxuxxitata għax isimha ma jiddaħħalx lura fir-Reġistru u jekk kemm -il darba tiġi rixxuxxitata, similarment dak li jiġri taħt l-artikolu 300B, għalkemm isem il-kumpanija jerġa` jidħol fir-Reġistru daqs li kieku qatt ma ġie mħassar, il-kumpanija tiġi rixxuxxitata fi stat ta' stralċ.

Il-Qorti f'dawn il-każijiet tagħmel referenza wkoll għall-insenjament tagħha, kif diversament preseduta, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Avukat Jean-Pie Gauci Maistre noe vs Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji et noe** deċiża fit-28 ta' Marzu 2019, fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

*"Din il-Qorti trid tissottolinea li l-procedura skond l-Art 300B tal-Kap 386 (bhal dik skond l-Art 300A) ghalkemm huma proceduri distinti, u ghandhom jigu intavolati ghal ragunijiet kompletament diversi, fl-istess waqt ghandhom a common denominator u cioe` li jistghu jitressqu, wara li kumpannija tithassar mir-registru, u r-ragunijiet iridu jkunu eccezzjonali, fl-ambitu ta` dak li kull disposizzjoni tahseb ghalih distintament."*

**Tenut kont ta' dak kollu hawn fuq premess u tal-fattispeċi tal-każ li għandha l-Qorti quddiemha llum, il-Qorti tqis li t-talba ta' llum kellha ssir ai termini tal-Artikolu 300B u dan għas-segwenti raġunijiet:**

1. Primarjament, si tratta ta' kumpanija li ġiet xjolta voluntarjament u li isimha kien, konsegwentament ghad-distribuzzjoni tal-assi, gie mħassar mir-Reġistru, imma mhux mhassar mir-Reġistratur minħabba l-kriterji stabbiliti mill-Artikolu 325 tal-Kap 386 u għalhekk l-Artikolu 325(4) mhux applikabbli għall-każ odjern.

2. Fit-tieni lok, l-għan tar-rikorrent huwa li jittrasferixxi l-propjeta' immobbli fil-Ħamrun li tappartjeni lill-kumpanija Compex Co Limited lil terzi u b'hekk dak li qiegħed jintalab mhuwiex korrezzjoni tal-iskema ta' distribuzzjoni u għalhekk l-artikolu 300A mhuwiex applikabbli lanqas għall-każ odjern.

3. Finalment, ir-rikors odjern sar minħabba omissjoni milli tiġi inkluża il-propjeta` fil-Ħamrun tal-kumpanija Compex Co Limited fl-istralċ tal-istess kumpanija li hemm l-għan li tiġi mibjugħa lil terzi u ċertament li dan ma jistax isir mingħajr ma' l-kumpanija tiġi rixxuxxitata. **B'hekk iċ-ċirkostanzi tal-każ jinkwadraw ruħhom taħt l-artikolu 300B tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Issa, il-Qorti tosserva li fir-rikors odjern saret ampja referenza għall-artikolu 325(4) tal-Kap 386. Madanakollu, mill-ewwel paragrafu/premessa tar-rikors promotur, ir-rikorrent indika b'mod ċar li l-kumpanija *de quo* għaddiet minn xoljiment u stralċ voluntarju.

Il-Qorti ma tistax qabel xejn f'dan ir-rigward ma titlobx aktar attenzjoni u preċisjoni fit-tfassil tar-rikorsi li jiġu intavolati quddiemha. Tajjeb li jiġi mfakkar li talbiet għal reintegrazzjoni ta' kumpanija fuq ir-Registru huma fihom innfushom proċeduri ta' natura straordinarja u li ċertament li din il-Qorti ma tittrattax b'mod leġġer – iżda b'attenzjoni retta. Oltre` minn hekk, ir-risposta tal-intimat Reġistratur kienet ukoll tindika li t-talba tar-rikorrent saret abbażi tal-artikolu żbaljat (minkejja li l-artikolu indikat mill-istess intimat kien ukoll żbaljat) u għalhekk wieħed jippretendi li r-rikkorent kellu almenu jikkunsidra din l-eċċezzjoni u jagħmel attentat li jirregola ruħu fil-kors tal-proċeduri.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għad-deċiżjoni tagħha deċiża fit-23 ta' Jannar 2003 fl-ismijiet **Francesca Isolan et vs Aureus Ltd et** fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> *"Il-Qorti tqis illi "kif inhu risaput, l-oggett tad-domanda f'kawza jippostula li l-kawza li fuqha dik id-domanda hi fondata ghandha tkun wahda sostantiva u mhux merament appartenenti jew formalistika"*[4]
>
> *F'dan is-sens il-Qorti qed tqis illi essenzjalment, it-talba mressqa quddiemha hija dik ghax-xoljiment u konsegwenti stralc tal-kumpannija intimata. F'dan is-sens, ghalkemm fit-talbiet issir referenza ghall-Artikoli specifici tal-KAP 386, b'dana kollu is-sustanza tat-talbiet tirrikoncilja ukoll mal-premessi li jirreferu ghall-Artikoli ohrajn tal-KAP 386, liema Artikoli ukoll jistghu jwasslu lill-Qorti tikkonsidra x-xoljiment u konsegwenti stralc ta' kumpannija. Fuq kollox, it-talba kienet tkun xorta valida li kieku r-rikorrenti ma semmewx l-artikoli msemmija fit-talba taghhom. Il-Qorti ma thossx illi dan ibiddel bl-iċken mod is-sustanza tal-proċedura.*

[4] Nazzareno Sammut vs Charles Sultana (09.05.2007) kif rapportati fil-ktieb ta' l-Onor. Imhallef Dr Grazio Mercieca "Massimarji tal-Imhallef Philip Sciberras – Procedura Civili", l-Ewwel Volum, 2015

*F'dan il-kuntest ghalhekk, il-Qorti mhux ser tillimita ruha li tissindika t-talbiet tar-rikorrenti biss u limitatment fil-kuntest tal-provvedimenti msemmija fl-istess talbiet, imma ser tikkonsidra t-talbiet ukoll fl-isfond tal-provvedimenti tal-ligi li ssir referenza ghalihom fil-premessi, partikolarment in vista tal-fatt illi dawn kollha jwasslu ghal rizultat wiehed – dak li l-Qorti tiskrutinja u tara jekk il-kumpannija intimata ghandhiex tigi xjolta u konsegwentament stralcjata.*

*Dan qed jinghad ukoll fil-kuntest u fid-dawl ta' spedezza u prattiċita' li huwa mehtieg fil-kamp kummerċjali, peress illi l-alternattiva kienet tkun, f'kaz illi tigi micħuda t-talba minħabba l-iżball msemmi, illi terġa' tiġi ri-proposta l-kawża b'indikazzjoni ta' l-artikoli rilevanti u bl-istess provi diġa` intavolati fil-proċeduri odjerni. Il-Qorti tqis dak bħala ħela ta' ħin u spejjeż inutili."*

Applikat dan l-insenjament għall-każ odjern, jirriżulta li t-talba tar-rikorrent hija għar-reintegrazzjoni tal-kumpanija **Compex Co. Limited** u l-għan aħħari tagħha huwa li l-kumpanija *de quo* tiġi rxuxtata. Jirriżulta li kieku r-rikorrent m'għamilx referenza għal kwalunkwe artikolu, din il-Qorti kienet tapplika l-artikolu 300B tal-Kap 386 minħabba li kif spjegat aktar 'l fuq, il-fattispeċi tal-kawża jinkwadraw ruħhom propju hemm.

Għal darb'oħra din il-Qorti tqis li jekk kemm -il darba tiċħad it-talba li għandha quddiema minħabba li ġie indikat artikolu żbaljat, dan ikun ħela ta' ħin u spejjeż minħabba li r-riżultat ser ikun li jiġi ri-intavolat ir-rikors, din id-darba bl-artikolu korrett indikat. Għalhekk din il-Qorti ser tgħaddi biex tikkunsidra u tiddeċiedi din il-vertenza ai termini ta' l-artikolu 300B tal-Kap 386.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Il-Qorti tibda biex tgħid illi mill-provi mressqa jirriżulta illi l-propjeta` immobbli bl-isem 'Greta' fi Triq Schembri fil-Ħamrun ma ġietx inkluża fl-istralċ tal-kumpannija Compex Co. Ltd.

Mix-xhieda tan-Nutar Joseph Tabone jirriżulta li kien biss meta għamel ir-riċerki fuq is-Sinjuri Grech (li kienu l-azzjonisti tal-istess soċjeta`) li ġie rilevat li l-imsemmija propjeta` immobbli ma kinitx ġiet inkluża fl-istralċ u kienet għadha tappartjeni lis-soċjeta' *de quo*.

Il-Qorti tirreferi għall-insenjament tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni fl-ismijiet **AX Holdings Limited et vs Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji** deċiża fl-24 ta' Marzu 2015, fejn il-Qorti kkonkludiet is-segwenti:

*Anke l-kaz ta` stralc volontarju tal-membri, huwa obbligu legali tal-istralcjarju li jagħmel dawk il-ħwejjeġ li jkunu meħtieġa biex jiġi stralċjat in-negozju tal-kumpannija u sabiex jitqassam l-attiv tagħha. Bhala parti mill-process fejn jistabilixxi l-attiv, l-istralcjarju jrid jiddetermina l-konsistenza tal-assi kollha tal-kumpannija, specjalment l-immobbli. Il-Qorti taghmel enfasi fuq l-immobbli ghaliex dawk jikkostitwixxi l-assi l-aktar solidi li fuqhom l-istralcjarju jista` jwettaq l-istalc. Il-presenza ta` immobbli filpatrimonju ta` socjeta` jista` jigi stabbilit bi precizjoni tramite*

> *ricerki pubblici. Bir-ricerki ma jkunx stabbilit biss x`beni mmobbli jkollha kumpannija izda jkun maghruf jekk ghandhiex djun versu terzi li huma kawtelati b`ipoteki jew privileggi. Fil-kaz tallum, l-istralcjarju falla fit-twettieq tal-inkariku tieghu mill-bidu nett ghaliex l-scheme of distribution ittebba` negattivament minhabba l-omissjoni grossolana tal-immobbli. In-nuqqas tal-istralcjarju huwa sanzjonat bl-Art 312 tal-Kap 386 meta dan inter alia jirreferi ghal cirkostanza fejn waqt l-istralc ta` kumpannija sew jekk bil-qorti jew volontarjament ikun jidher li persuna li … kienet tagixxi bhala stralcjarju tal-kumpannija … kienet hatja ta` … ksur ta` dmir dwar il-kumpannija.*
>
> *Il-Qorti tirrileva li l-istralcjarju ghandu funzjonijiet, setghat u allura responsabilitajiet kbar. Mhux kulhadd huwa eligibbli biex ikun stralcjarju (ara l-Art 305 tal-Kap 386). Il-persuna li taccetta l-hatra, specjalment fi stralc volontarju bhal ma kien dak tal-lum, non puo` lasciare niente al caso izda ghandha turi kawtela, tkun vigilanti – mohhu hemm, kif ighid il-Malti – biex il-process li jibda mix-xoljiment, ighaddi mill-istralc sa ma jintemm bl-striking off mhux biss ikun trasparenti u kondott b`kompetenza izda fuq kollox bl-osservanza tal-ligi.*

Applikat dan l-insenjament, huwa bil-wisq ċar u evidenti illi l-fatt li l-istalċ ġie konkluż mingħajr ma ġiet inkluża l-imsemmija propjeta` jikkostitwixxi illegalita’ ta’ natura materjali.

Il-Qorti hija ukoll sodisfatta illi ma għaddewx il-ħames snin mid-data illi l-kumpannija ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji u di fatti hemm qbil dwar dan bejn il-partijiet.

Finalment, illi l-Qorti tħoss illi l-uniku mod sabiex tinbiegħ il-propjeta` immobbli msemmija fir-rikors lil terzi huwa billi jintlaqa’ ir-rikors promotur odjern.

Madanakollu, il-Qorti ma tistax ma tiġbidx l-attenzjoni tar-rikorrent, li l-proċedura tal-istralċ tinħtieġ aktar attenzjoni sabiex żbalji jew żvisti simili għal dak li seħħu fil-każ odjern ma jirrepetux ruhom. Din il-Qorti gja kellha okkazjoni f’decizjonijiet ricenti illi telenka ftit mizuri illi ghandhom jittiehdu mill-professjonisti sabiex zbalji bhal dawn ma jirreputx ruhom.

**Għaldaqstant**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċċitati u fid-dawl ta’ dak hawn fuq kkunsidrat, jidhrilha illi jkun ġust u ekwu illi tqis il-fatt illi thalliet barra l-propjeta` immobbli msemmija fir-rikors promotur qabel ma ġie ffinalizzat l-istralċ tal-kumpannija msemmija, kien illegali u jikkostitwixxi illegalita’ ta’ natura materjali u għalhekk, ai termini tal-Artikolu 300(B) tal-KAP 386, hija ser tgħaddi biex takkolja t-talbiet tar-rikorrenti u tenut kont ta` l-assjem ta` fatti u ċirkostanzi li jirrizultaw, din il-Qorti qegħda **tilqa’ t-talba tar-rikorrenti** u konsegwentament:

1. Tordna li l-isem **Compex Co. Limited (C-10548)** jerġa’ jidħol fir-Reġistru tas-Soċjetajiet kif mitlub sa mhux aktar tard minn gimgħatejn mill-llum.

2. Tordna illi jerġa' jinfetaħ l-istralċ tal-istess kumpanniji **Compex Co. Limited (C-10548)** limitatament u esklussivament sabiex jittieħdu l-passi u l-miżuri kollha neċessarji da parti tal-istralcarju rikorrent sabiex tiġi mibjugħa l-propjeta' immobbli bl-isem 'Greta', Triq Schembri fil-Ħamrun ai termini tal-konvenju a fol 5 tal-proċess kif jista' jkun necessarju illi jigi emendat jew f'każ tan-nuqqas ta' bejgħ tiġi assenjata lill-azzjonisti tal-istess soċjeta **Compex Co. Limited (C-10548).**

3. Taħtar lir-rikorrent sabiex jassumi l-funzjonijiet, is-setgħat u l-obbligi kollha ta' stralċjarju tal-kumpannija **Compex Co. Limited (C-10548)**.

4. Tordna lill-istess rikorrent sabiex jaghmel dak kollu li hemm bzonn sabiex tiġi mibjugħa l-propjeta` immobbli bl-isem 'Greta', Triq Schembri fil-Ħamrun ai termini tal-konvenju a fol 5 tal-proċess jew f'każ tan-nuqqas ta' bejgħ tiġi assenjata lill-azzjonisti tal-istess soċjeta **Compex Co. Limited (C-10548)** u dan taħt dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet hawnekk stipulati:

   a) Illi dan il-process ta' kontinwazzjoni u finalizazzjoni tal-process ta' l-istralc tal-kumpanija **Compex Co. Limited (C-10548)** għandu jkun komplut sa zmien massimu ta' sena mill-llum, b'dan illi wara din is-sena ir-Reġistratur intimat jkollu s-setgha illi jerġa' jneħħi isem il-kumpannija msemmija minn fuq ir-Registru tal-kumpanniji;

   b) F'eventwalita' illi tiġi trasferita l-imsemmija propjeta` qabel t-trapass tas-sena msemmija, allura ir-rikorrent għandu javża b'dan lir-Reġistratur intimat sabiex l-imsemmi Registratur jkun jista' jgħaddi għat-tneħħija tal-isem tal-kumpannija minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji minnufih.

   c) Illi l-Qorti trid tagħmilha ċara li dan il-provvediment bl-ebda mod ma għandu jfisser li bħal donnu l-Qorti tat jew qed tagħti xi *carte blanche* lill-kumpannija de quo u/jew lill-ufficjali tagħha u/jew lill-istralcarju tagħha sabiex isir xi haġa oħra, għajr għal dak hawn deċiz u huwa għalhekk illi l-Qorti qed taghmilha cara illi una volta' ri-integrata fuq ir-Reġistru, il-kumpanija **Compex Co. Limited (C-10548)** tista' biss, entro l-perjodu massimu hawnekk konċess, tgħaddi biex tittrasferixxi l-propjeta' immobbli hawn fuq immsemmija u xejn aktar.

   d) Illi l-ispejjes ta' din il-proċedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi jista' jinkorri ir-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija kummerċjali b'responsabilita` limitata **Compex Co. Limited (C-10548)** fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet u sabiex jerġa' jikkanċella isem il-kumpannija wara li jsir dak hawn fuq deċiż, ikunu a karigu tar-rikorrent.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**